MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2005

Numru 423/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JASON AGIUS**

**VS**

**JOHN LUKE LICARI**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Luke Licari ta’ 28 sena, imwieled Attard nhar is-17 ta’ Novembru, 1975, bin Joseph u Mary nee’ Buhagiar, residenti fil-fond numru 6, Beau Rivage, F/3, Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 548775 (M) ;

Akkuzat talli nhar it-23 ta’ Mejju, 2004, f’xi hin bejn l-10.00am u l-10.30am, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, il-Gudja, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-

hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna offizi ta’ natura gravi jew li x’aktarx ikun hekk u cioe’ ikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem ta’ Joseph Dougall skond kif iccertifikaw it-tobba Dr Mark Anthony Aquilina u Dr Hermann Karl Borg Xuereb respettivament tal-Isptar San Luqa u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 218 (1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi kliem insulenta jew hedded lil Joseph Dougall u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew dagha u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U finalment talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra Joseph Dougall sabiex jingurjah, idejqu, jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-20 ta’ Jannar, 2005, li permezz taghha gew indikati l-Artikoli li taghhom ghandu jwiegeb l-imputat;

Rat il-verbal tal-lum, fejn il-*parte civile* Joseph Dougall u l-mara tieghu irrinunzjaw ghall-azzjoni fil-konfront tal-impuatat, *stante* ftehim milhuq bejniethom fil-*mori* tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Rat l-Artikoli 214 sa 218, 338(dd), 339(d) u (e), 342, 17(c), 20, 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, izda *in vista* tac-cirkostanzi specjali kif indikati fil-verbal tal-lum, wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. *Inoltre* tordna hlas ta' danni lill-*parte civile* fl-ammont ta' Lm500.00 (hames mitt Lira Maltin) *ai termini* tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------